**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 2** **11 ta' Lulju, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fil-11 ta' Lulju fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

<table>
<tr><td>2.1</td><td>Qari ta’ ittri ta’ apoloġija</td></tr>
<tr><td>2.1.1</td><td>Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa li bdiet fl-16:34. Il-Kunsilliera Nazzareno Bugeja, Matthew Bugeja u Daniel Zerafa kienu preżenti b’mod virtwali minħabba raġunijiet eċċezzjonali.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>2.2</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti</td></tr>
<tr><td>2.2.1</td><td>Il-Viċi Sindku Camilleri pproponiet, u l-Kunsillier Matthew Bugeja ssekonda l-minuti tal-laqgħa Nru 1.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>2.3</td><td>Komunikazzjoni mis-Sindku.</td></tr>
<tr><td>2.3.1</td><td>Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret fl-4 ta’ Lulju ma’ Transport Malta rigward il-problema tat-traffiku f’Delimara. Qal li qiegħed ikun hemm ħafna taxis li jostakolaw it-triq. Waqt il-laqgħa ġiet proposta li jkun hemm servizz ta’ shuttle service.</td></tr>
<tr><td>2.3.2<br><br><br><br><br><br>2.3.3<br><br><br><br><br><br>2.3.3<br><br><br><br><br><br><br><br>2.3.4</td><td>Is-Sindku qal li l-parkeġġ tal-grawnd reġa’ wasal biex jinqata’ d-dawl għax dan qiegħed f’idejn il-Ministeru tat-Turiżmu, il-Kunsill talab kemm-il darba biex dan jiġi f’idejh imma qiegħed jiġi mwaqqaf mil-Lands u mhux toħroġ il-clearance biex jingħata lilna. Għaldaqstant ikollna nistennew il-Ministeru tat-Turiżmu jagħmel il-pagament tad-dawl.<br><br>Is-Sindku talab għal votazzjoni mill-kunsilliera sabiex il-parkeġġ kollu tal-grawnd tal-futbol jiġi f’idejn il-kunsill lokali. Dan għaliex riċenti kien hemm applikazzjoni biex jittella’ ċint li jifred il-grawnd minn mal-parkeġġ. In-nursery tal-futbol applikaw ukoll biex jingħataw biċċa art il-Marsa, għaldaqstant jekk jingħataw din l-art mhux ħa jkunu ta’ bżonn l-art l-oħra li hemm fil-parkeġġ.<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Miriam Camillieri</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Reno Bugeja</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Matthew Bugeja</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
<br>Kien hemm qbil unanimu li l-art li fih jinsab il-parkeġġ tal-grawnd tal-futbol, jingħata kollu f’idejn il-Kunsill Lokali.</td></tr>
<tr><td>2.3.5</td><td>Is-Sindku tkellem rigward l-organizzajoni tal-bejjiegħa tal-boat trips, minħabba li għaddejin diskussjonijiet ma’ Transport Malta. Ressaq għall-votazzjoni tal-kunsill sabiex il-bejjiegħa jkollom mejda waħda, b'qisien stipulat li jkun ta’ 1 metru x 1</td></tr>
</table>

metru u li tkun tingħalaq, ikun hemm umbrella waħda bajda maġenb kull mejda u titwaħħal bandiera bil-qisien u kulur fejn ikun indikat mill-kunsill.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Miriam Camillieri | X | | |
| Reno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Kien hemm qbil Nem Con.

**2.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

2.4.1 Il-Kunsillier Zerafa staqsa dwar Triq Kavallerizza (fejn ir-razzett), Triq il-Patrijiet Tereżjani, u d-dawra ta’ Xatt is-Sajjieda ftit qabel it-Torri Vendome jistgħux isiru *speed humps.*

2.4.2 Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera jaqblux li jsiru l-*ispeed humps* fejn ġew isuġġeriti mill-kunsillier Zerafa.

2.4.3

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Miriam Camillieri | X | | |
| Reno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

2.4.4 Kien hemm qbil nem con.

2.4.5 Daniel Zerafa staqsa wkoll dwar jekk hux ser issir il-*barrier* qabel tidħol lejn il-bajja tal-Magħluq. Is-Sindku qal li hemm suppost saru l-kameras minn Transport Malta.

2.4.6 Is-Sindku ressaq għall-votazzjoni din it-talba u staqsa lill-kunsilliera jekk jaqblux li għandha ssir barrier qabel tidħol lejn il-bajja tal-Magħluq

2.4.7

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | | X | |
| Miriam Camilleri | | X | |
| Reno Bugeja | | X | |
| Matthew Bugeja | | X | |
| Daniel Zerafa | X | | |

| | |
|---|---|
| 2.4.8 | F'din il-votazzjoni kien hemm 4 kontra u 1 favur. Għaldaqstant, din il-proposta ma ġietx milqugħa u mhux se tiġi implementata. |
| 2.4.9 | Il-Kunsillier Reno Bugeja staqsa jekk ser jingħataw parkeġġi lis-sajjieda maġenb l-islip way. Is-Sindku wieġeb li iva u kienu diġà ġew proposti. |
| 2.4.10 | Il-Viċi Sindku qalet li s-*shower* tal-Magħluq mhux qiegħda f'post sigur, is-Sindku wieġeb li dik mhux tagħna imma tal-Ministeru tat-Turiżmu u ma nistgħux naqbdu u nċaqalquh aħna. |
| 2.4.11 | Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll jekk hux ser jintefgħu karti fil-festa, is-Sindku wieġeb li ilu ma jintefgħu karti. Ġie deċiż bejn il-kunsilliera preżenti li mhux se jiġu inkoraġġuti biex jintefgħu karti waqt il-festa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| | |
| **2.5** | **Risposta tal-Management Letter** |
| 2.5.1 | L-Accountant, is-Sur Cutajar kien preżenti. Hu qara u spjega fid-dettall ir-risposta tal-'Management Letter 2024'. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta tal-Management Letter 2024, u għal dan kien hemm qbil unanimu. |
| | |
| **2.6** | **Approvazzjoni tal-MOU – Projects Green** |
| 2.6.1 | Kopja ta' dan l-MOU kienet intbagħtet minn qabel lill-kunsilliera kollha. Dan ġie approvat b'mod unanimu. |
| | |
| **2.7** | **Skips, Tabelli u Umbrelel f'Xatt is-Sajjieda** |
| 2.7.1<br><br>2.7.2 | Ġew diskussi l-*iskips* li jinsabu madwar Marsaxlokk kollu, dan jinkludi dawk tar-restoranti, stabbilimenti u kull tip ta' skip fil-lokal ta' Marsaxlokk. Ittieħed vot fejn ġie mistoqsi jekk jaqblux li l-iskips għandhom jiddaħħlu ġewwa fid-9am u jinħarġu barra fl-10pm. F'każ li jkun hemm xi attività, dawn jinħarġu wara li tispiċċa l-attività jekk din tkun tispiċċa wara l-10pm. Il-ħwienet u r-ristoranti ser jingħataw permess li jpoġġu fiż-żona tagħhom 1 wheely bin bil-qisien. Is-Sindku rrimarka li jekk jiġi maqbul dan se titqassam karta lis-sidien tal-istabbilimenti kollha f'Marsaxlokk.<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ser jiġu infurmati l-Pulizija, il-Lesa u d-dipartiment tat-Turiżmu. |

| | |
|---|---|
| | |
| **2.8** | **Festa** |
| 2.8.1 | Is-Sindku Steven Grech qal li restoranti se jintalbu biex iżommu l-iskips fiż-żona mmarkata tagħhom. |
| 2.8.2 | Ser ikun hemm tindif qabel u wara l-festa mill-Cleansing Department. |
| 2.8.3<br><br>2.8.4 | Il-Kunsillier Matthew Buġeja ressaq proposta, hu propona li għall-Festa Tfal li ser issir fis-26 ta' Lulju, ikun hemm Bouncy Castle / Water Slide għat-tfal.<br><br>Kien hemm qbil Nem con. |
| | |
| **2.9** | **Planning Authority** |
| 2.9.1<br><br>2.9.2<br><br>2.9.3 | PA No: 1484/24<br><br>Il-Kunsillier Zerafa informa li nstabu xi fdalijiet u qiegħed jiġi segwit mis-Supretendenza. |

| **Application Details** | |
|---|---|
| **Case Number:** | PA/01484/24 |
| **Location of development:** | Il-Ballut ta' Marsaxlokk, Triq il-Power Station, Marsaxlokk |
| **Description of works:** | Installation of protection revetment at 'Il-Ballut ta' Marsaxlokk', Marsaxlokk Nature 2000 site. |
| **Current Applicant:** | Environment & Resources Authority (Attn: Mr. Kevin Mercieca) Era |
| **Current Architect:** | Perit Carmel Bonanno |
| **Reception date:** | 07 November 2023 |

| | |
|---|---|
| 2.9.4<br><br>2.9.5<br><br>2.9.6 | App PA No: 3724/24<br><br>Triq Barthelemy kantuniera ma' Triq Iż-Żejtun, aċċetta li titwessa' t-triq. Il-kunsill kien għamel talba għal din. |

| **Application Details** | |
|---|---|
| **Case Number:** | PA/03725/24 |

| | |
|---|---|
| **Location of development:** | Vacant Plot at, Triq Barthelemy c/w, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk |
| **Description of works:** | Construction of 5 garages at basement level, garage and 4 shops (Class 4B) at ground floor level and apartments at first and second floor levels plus overlying penthouse, with different layout from that approved in PA1836/16, PA5058/17 and PA5235/21. |
| **Current Applicant:** | FF Limited Attn: Michael Fenech |
| **Current Architect:** | Falzon & Cutajar |
| **Reception date:** | 25 January 2024 |

2.9.7 PA 3954/24

2.9.8 Busbiesi lane c/w Triq Sant'Andrija. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintalab indikazzjoni ta' fejn se tkun il-*binroom* permezz ta' sottomissjoni ta' ittra lil Lands Authority.

2.9.9

| **Application Details** | |
|---|---|
| **Case Number:** | PA/03954/24 |
| **Location of development:** | No 11, Triq Sant' Andrija c/w, Sqaq Busbiesi, Marsaxlokk |
| **Description of works:** | To convert existing Class 4B hair salon into Class 4C cafeteria to Sqaq Busbiesi instead of existing garage. |
| **Current Applicant:** | Rosa Fremal |
| **Current Architect:** | Perit Wayne Scerri |
| **Reception date:** | 08 February 2024 |

2.9.10 PA 2954/24

2.9.11 Il-Kunsillier Zerafa ser jibgħat email dwar dan il-proġett li wara li tkun approvata mill-kunsilliera kollha, tintbagħat lill-Planning Authority.

2.9.12

| **Application Details** | |
|---|---|
| **Case Number:** | PA/02954/24 |

| | |
|---|---|
| | **Location of development:** 72, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk<br>**Description of works:** Proposed demolition of existing building and construction of guesthouse Class 3A including ancillary restaurant Class 4D at ground floor level and proposed pool at roof level.<br>**Current Applicant:** Joseph Bondin<br>**Current Architect:** Perit Joseph Bondin<br>**Reception date:** 17 July 2023 |
| 2.9.13 | PA 3520/24<br><br>Il-Kunsillier Zerafa ser jibgħat email dwar dan il-proġett li wara li tkun approvata mill-kunsilliera kollha, tintbagħat lill-Planning Authority.<br><br>**Application Details**<br>**Case Number:** PA/03520/24<br>**Location of development:** 5 & 7, The MNA, Triq tas-Silg &, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk<br>**Description of works:** To sanction departures from that approved in PA/1085/16 to Class 3A - guesthouse which includes changes to the site configuration, to the internal layouts and to the facades. To demolish existing residential dwelling, garage and office and excavate site to necessary levels. Proposed construction of a Class 3B - hotel, Class 4B, (Spa) Class 4C bars/cafeterias and Class 4D restaurant.<br>**Current Applicant:** MNA Azzopardi Attn: Andrew Azzopardi<br>**Current Architect:** Perit Gilbert Bartolo<br>**Reception date:** 18 April 2024 |
| **2.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 2.10.1 | Il-Viċi Sindku Camilleri pproponiet u l-Kunsillier Matthew Bugeja ssekonda. |
| | |
| **2.11** | **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.** |
| 2.11.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 2 ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tlieta 13 ta' Awwissu, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 13 ta' Awwissu, 2024.

**IFFIRMATA**
_________________________
**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
_________________________
**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**
_________________________
***Proponent***

**IFFIRMATA**
_________________________
***Sekondant***